MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**NEVILLE CAMILLERI**

Seduta tas-16 ta' April, 2012

Numru 31/2012

**Il-Pulizija**
**(Spettur James Grech)**

**vs.**

**Alan Debattista**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront ta’ Alan Debattista ta’ disgha u ghoxrin (29) sena, bin Anthony u Mary nee’ Spiteri, imwieled Pieta’ fit-28 ta’ Mejju 1982, residenti St. Gregory, Quarry Street, Msida, u detentur tal-karta ta’ l-identita’ bin-numru 302282M, akkuzat talli nhar it-30 ta’ Jannar 2008 ghal habta ta’ 12:30hrs gewwa Putirjal, Floriana u kif ukoll fil-jiem ta’ qabel f’dawn il-Gzejjer:

1. xjentement qieghed fic-cirkolazzjoni, biegh jew zamm ghandu ghall-bejgh jew importa ghal hsieb ta’

kummerc, merkanzija b'marka, sinjal jew emblema imxebbhin b'qerq u cioe' numru ta' CDs u oggetti ohra foloz;

2. u aktar talli fl-istess zmien u cirkostanzi, bi qliegh jew bi skop ta' kummerc, stampa, immanifattura, idduplika jew mod iehor ipproduca jew ikkopja jew biegh, qassam jew mod iehor offra ghal bejgh jew biex iqassam xi artikolu jew xi haga ohra bi ksur ta' jeddijiet li johorgu mid-drittijiet tal-awtur li jkollha persuna ohra protetti bil-jew taht il-Ligi ta' Malta u ghalhekk huwa mahsub li opera minghajr licenzja ai termini tal-Avviz Legali 1/2006;

3. u aktar talli b'hekk rrenda ruhu recidiv ta' sentenza moghtija lilu mill-Qorti tal-Magistrati kif presjeduta mill-Magistrat Dr. Antonio Mizzi LL.D nhar il-25 ta' Lulju 2006 liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula.

Il-Qorti giet mitluba sabiex barra li tinflingi l-pieni stabbiliti mill-Ligi, (a) tordna konfiska tal-oggetti kollha esebiti u (b) tirrevoka l-licenzja ta' *"hawker's licence"* f'isem Alan Debattista.

Il-Qorti giet ukoll mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lil Alan Debattista ghal hlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha, inkluz il-kwerela tal-parti leza, liema kwerela hija datata 30 ta' Jannar 2008
Semghet lill-imputat jammetti l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u li huwa kkonferma l-ammissjoni tieghu anke wara li l-Qorti taghtu zmien jirrikkunsidra l-pozizzjoni tieghu.

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u dawn ghalhekk huma sodisfacentement pruvati.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena u kif ukoll rat dak li kellhom xi jghidu l-Ufficjal Prosekutur u d-difiza rigward il-piena li ghandha tigi nflitta fuq l-imputat.

**Ikkunsidrat**

Illi, dwar il-piena, il-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni n-natura tar-reati addebitati lill-imputat, il-fedina penali tal-imputat, l-ammissjoni bikrija tieghu f'dawn il-proceduri, il-fatt li l-imputat ghandu problema dwar l-alkohol.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, fid-dawl tal-ammissjoni ta' htija tal-imputat ghall-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu, wara li rat l-Artikoli 298(1)(f), 298B, 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta issib lill-imputat Alan Debattista hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu izda, billi Hija tal-fehma li fic-cirkostanzi piena karcerarja ma hijiex il-piena idonea u billi jissussistu l-elementi *ai termini* ta' l-Artikolu 7(2) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, a tenur ta' l-Artikolu 7(1) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta tqieghed lill-imputat Alan Debattista taht ordni ta' *probation* ghal perijodu ta' tlett (3) snin mill-llum, liema ordni huwa soggett ghall-kondizzjonijiet elenkati fid-Digriet moghti llum stess u anness ma' din is-sentenza.

*Ai termini* ta' l-Artikolu 7(7) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta l-Qorti fissret lill-imputat Alan Debattista bi kliem car u li jinftiehem, l-effetti ta' l-ordni ta' *probation* u tal-kondizzjonijiet <u>kollha</u> elenkati fid-Digriet anness ma' din is-sentenza u li f'kaz li jonqos milli jikkonforma ruhu ma' dik l-ordni u dawk il-kondizzjonijiet u/jew f'kaz li jaghmel reat iehor tul it-terminu ta' l-ordni ta' *probation,* jista' jinghata sentenza ghar-reati li taghhom nstab hati b'din is-sentenza.

*Ai termini* ta’ l-Artikolu 7(8) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta, il-Qorti tordna li kopja ta’ din is-sentenza u ta’ l-ordni ta’ *probation* moghti b’Digriet ta’ llum stess ghandhom jigu trasmessi minnufih lid-Direttur tas-Servizzi ta’ Probation sabiex jassenja ufficjal tal-*probation* biex ikun responsabbli ghas-sorveljanza ta’ l-imputat Alan Debattista.

Il-Qorti wara li rat li, fis-seduta tas-16 ta’ April 2012, l-Ufficjal Prosekutur ma kienx qed jinsisti li tigi revokata l-*hawker’s licence* tal-imputat kif indikat fl-imputazzjonijiet, tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta’ din it-talba kif dedotta fl-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat.

Il-Qorti, a bazi tal-Artikolu 23(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, tordna l-konfiska tal-*corpus delicti* ezebiti mill-Prosekuzzjoni fis-seduta tal-lum bhala Dok. “X” u tordna wkoll id-distruzzjoni taghhom mill-Prosekuzzjoni.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------